MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2012

Numru 201/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**vs**

**Alexander sive Alex Tranter**
**George Portelli**
**Brian John Micallef**
**Victor Cini**
**Carmelo Desira**
**Andrew Psaila**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Alexander sive Alex Tranter ta' 48 sena, iben Richard u Ersilia nee' Azzopardi imwieled Mtarfa fit-

30 ta' Dicembru 1963 u residenti Madeley Too, Triq it-Terz, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita' numru 46464M u l-imputat George Portelli ta' 55 sena, iben Joseph u Agatha nee' Mizzi imwieled Victoria(G) fis-6 ta' Marzu 1956 u residenti 'Zerniq', Triq ta' Vani, Rabat – Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 16956G u l-imputat Brian John Micallef ta' 33 sena, iben John Baptist Micallef u Rose Ann nee' Bonnici imwieled Canada, fit-03 ta' Jannar 1979 u residenti 112, Orchidea, Triq Guze Ellul Mercer, Dingli u detentur tal-karta tal-identita' numru 57090M u l-imputat Victor Cini ta' 46 sena, iben Peter u Giovanna nee' Mifsud imwieled Birkirkara fid-09 ta' Settembru 1965 u residenti 30, Dar Erloser, Triq Franza, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' numru 431665M u l-imputat Carmelo Desira ta' 37 sena, iben John u Mary Anne nee' Fenech imwieled Pieta' fit-23 ta' Awwissu 1974 u residenti 59 'Marjo', Triq il-Fossoli, B'Bugia u detentur tal-karta tal-identita' numru 422074M u l-imputat Andrew Psaila ta' 37 sena, iben Carmelo u Rita nee' Grixti imwieled Pieta' fil-21 ta' Novembru 1974 u residenti 5, Triq Gio, Battista Riccio, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita' numru 562074M gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

1. Lil Alexander sive Alex Tranter fil-kapacita' tieghu ta' Chief Executive Officer tal-EneMalta, kif ukoll bhala persuna li thaddem talli fil-11 ta' April 2007 ghal habta tad-9.30a.m. fi Triq il-Blajjiet, M'Scala, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna l-mewt ta' Charles Galea u dan ai termini tal-Art. 225 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u Sigurta fuq il-post tax-xoghol nakkuzaw lil Alexander sive Alex Tranter fil-kapacita' tieghu ta' Chief Executive Officer tal-EneMalta, lil George Portelli fil-kapacita' tieghu ta' Ass. Manager South Area tal-EneMalta, lil Brian John Micallef ta' fil-kapacita' tieghu ta' Engineer tal-EneMalta, lil Victor Cini fil-kapacita' tieghu ta' Senior Distribution Officer tal-EneMalta, lil Carmelo Desira bhala persuna li jhaddem, talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu milli jharsu

s-sahha u s-sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikoli 6 (1)(2) ta' l-att 27/2000 Kap 424.

3. Fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u Sigurta' fuq il-post tax-xoghol nakkuzaw lil Alexander sive Alex Tranter, lil George Portelli, lil Brian John Micallef, lil Victor Cini u lil Carmel Desira wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu illi bhal ma hu dmir ta' min ihaddem jizguraw is-sahha u s-sigurta' tal-haddiema billi jaghmlu arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monituragg u revizjoni tal-mizuri preventivi u protettivi, kif ukoll billi jisalvagwardjaw is-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikoli (1)(2)(3) ta' l-A.L. 36/03.

4. Fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u Sigurta' fuq il-post tax-xoghol nakkuzaw lil Alexander sive Alex Tranter, lil George Portelli, lil Brian John Micallef, lil Victor Cini u lil Carmel Desira wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu bhala persuni li jhaddmu, jidentifikaw perikli fuq il-post tax-xoghol, jevalwaw ir-riskji li ma jistghux jigi evitati u jadattaw ix-xoghol ghall-individwu u dan ai termini ta' l-artikoli 5 (a)(b)(c) ta' l-A.L. 36/03.

5. Fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u Sigurta' fuq il-post tax-xoghol nakkuzaw lil Alexander sive Alex Tranter, lil George Portelli, lil Brian Micallef, lil Victor Cini u lil Carmel Desira wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu li jevalwaw ir-riskji tax-xoghol fost l-ohrajn fl-ghazla tat-taghmir ghax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikolu 6(1) ta' l-A.L. 36/03.

6. Fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u Sigurta' fuq il-post tax-xoghol nakkuzaw lil Andrew Psaila wahdu talli fil-kapacita' tieghu ta' haddiem tal-EneMalta fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqas milli jhares is-sahha u s-sigurta' tieghu, kif ukoll tal-persuni li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-

passi necessarji kollha sabiex jigu evitati dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqas milli jiehu l-mizuri necessarji kollha sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragenevolement prattiku u dan ai termini ta' l-artikolu 7(1) ta' l-Att 27/2000 Kap. 424.

7. Fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u Sigurta' fuq il-post tax-xoghol nakkuzaw lil Andrew Psaila wahdu ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqas milli kif inhu dmir ta' kull haddiem jiehu hsieb is-sahha u s-sigurta' tieghu stess, kif ukoll ta' dawk li jkunu affetwati u dan ai termini ta' l-artikoli 15(1)(2)(a)(b)(c)(d) ta' l-A.L.36/03.

Rat li nghalqet il-kumpilazzjoni tal-provi kollha migjuba quddiemha kontra l-persuni imputati;

Wara li rat il-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni b'mod partikolari il-Process Verbal inserit a. fol 32 tal-atti processwali u r-rapporti tal-esperti nominati fl-Inkjesta Magisterjali li n-nomina taghhom giet debitament konfermata f' dawn il-proceduri permezz ta' digriet tat-3 ta' Mejju 2012 , taqbel mill-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat Inkwirenti u mill-esperti mahtura li ma kien hemm ebda terza persuna li setghet ikkontribwiet ghal mewt ta' Carmelo Galea tal-11 ta' April 2007 u li dan kien purament kaz ta' incident sfortunat fuq il-post tax-xoghol li sehh unikament minhabba nuqqas ta' attenzjoni da parti tal-istess vittma.

Illi din il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma resqet ebda prova ohra f'din il-kumpilazzjoni li tindika fuq bazi ta' prima facae li gie kommess xi reat kriminali minn ebda wiehed mill-imputati odjerni.

Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex il-persuni mputati jitqieghdu taht Att ta' Akkuza u qeghda ghalhekk ai termini tal-Artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali tordna l-liberazzjoni taghhom mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom.

Il-Qorti qed tordna li l-Attijiet tal-Kumpilazzjoni jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------